*- ANNULLAMENT TAZ-ZWIEG –*

*- ARTIKOLU 19 (1) (d) u (f) TAL-KAP 255 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 53**
**Citazzjoni Numru: 1082/01/RCP**

**Lorraine Zammit**

**vs**

**Gordon Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-10 ta' Gunju 1995, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness ma' din ic-citazzjom.

Illi l-konjugi Zammit isseparaw legalment permezz ta' kuntratt redatt u ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia fl-14 ta' April 2000 skond kif jirrizulta fid-Dokument "B" anness.

Illi l-kunsens tal-attrici u/jew tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens taz-zwieg tal-attrici u / jew il-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-attrici u/jew il-konvenut kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur kif ikkontemplat **taht il-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-istess attrici talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-konjugi Zammit li gie celebrat fl-10 ta' Gunju 1995 huwa null u bla ebda effett legali taht l-**Artikolu 19 (1) (d), u/jew 19 (1) (f) u / jew 19 (1) (g).**

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 12 tal-process;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fit-8 ta' Ottubru 2001 ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat il-verbali tal-20 ta' Novembru 2001, tal-4 ta' Frar 2002, u tal-10 ta' April 2002 fejn inghata digriet tal-affidavit tal-attrici ta' 40 jum u l-kawza giet differita ghall-4 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-attrici tal-10 ta' Mejju 2002 u l-affidavits hemm annessi.

Rat il-verbal tal-4 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-attrici fil-premessi taghha tghid illi l-kunsens tal-konvenut u taghha kien vizzjat minhabba difett serju ta'

diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u ghaliex il-partijiet jew wahda minnhom rabtu l-kunsens taghhom ma' kundizzjoni li terreferi ghall-futur.

**(B). PRINCIPJI LEGALI.**

Illi dawn il-premessi huma kkontemplati fl-**Artikolu 19 (1) (d) (f) u (g) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar**

**gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union,*

*as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (****"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –*** *P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal*

*dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista **Colagiovanni** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed*

*jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (**"*Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"*Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"***, P.A., 3 ta' Gunju 1998; ***"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"***, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"*Carmelo Grima v. Mary Andrews"***, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega **Bersini**, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la*

*deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew

impossibilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifika fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e/o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable*

*of assuming these obligations with these essential characteristics*” (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea v. John Walsh”**, P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghall dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx*

*gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja. Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*".

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim**

**El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi wiehed jinnota li l-konvenuta ma pprezentat ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci, pero' huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni, izda oppozizzjoni u ghalhekk din il-Qorti xorta ghandha tidhol sabiex akkuratament tezamina l-provi sabiex tara u fl-ahharnett tiddeciedi jekk il-provi prodotti waslux ghall-konvinciment morali fil-gudikant li jaccetta t-talba attrici ghan-nullita' tal-istess zwieg.

Illi dan ghandu sinifikat iktar partikolari f'kazijiet ta' din ix-xorta ghaliex anke fil-kaz ta' ammissjoni tat-talbiet attrici f'kaz ta' nullita' ta' zwieg fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia (A.C. 15 ta' Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG"** gie affermat il-principju *"din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994); **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri",** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1995); **"Evelyn Agius vs John Borg"**, (Prim'Awla, 4 ta'*

*Ottubru 1995);* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri"****, (Prim'Awla, 10 ta' Novembru 1995)****; "Isabelle Zarb vs Stephen Attard"****, (Prim'Awla, 21 ta' Novembru 1995);* ***"Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip"****, (Prim'Awla, 22 ta' Frar 1996);* ***"Alfred Tonna vs Maria Tonna"****, (Prim'Awla, 31 ta' Jannar 1996);* ***"Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono"****, (Prim'Awla, 16 ta' Settembru 1996)*.

Illi l-ahhar stipulazzjoni li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici hija dik *ai termini* tal-**artikolu 19 (g)** li tipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

**(C) APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ 'DE QUO'.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut meta kellha 22 sena wara ftit li kienet hassret l-gherusija taghha ma' persuna ohra erba' (4) xhur biss qabel ma kienet ser tizzewweg. Kienet spiccat tohrog mal-konvenut ghaliex l-hbieb taghha kienu kollha ma' haddiehor u allura bhal speci kkoppjat mal-konvenut ghalkemm kien jaghmel 5 gimghat il-Libja fuq xoghol u hames (5) gimghat Malta. Izda dan l-arrangament kien joghgob lill-attrici peress li *nonostante* dak li sejhet bhala ndhil tal-familja taghha dwar hrug u hin, hija xorta kienet tohrog mal-hbieb meta l-konvenut ma kienx Malta.

Illi damu sena u nofs flimkien b'dan il-mod, sakemm il-konvenut issuggerixxa li jizzewgu anke biex jevitaw l-indhil tal-genituri u l-attrici jidher li accettat sabiex skond hija takkwista l-liberta' taghha, ghalkemm sal-gurnata taz-zwieg hija kellha hafna dubji ghaliex ma kenitx thobb lill-konvenut lanqas kien it-tip ta' ragel li hija xtaqet tizzewweg. Ma hassritx iz-zwieg litteralment biex ma thassarx festi.

Illi wara l-*honeymoon* huwa mar il-Libja, u hija xorta baqghet tghix il-hajja li kienet qabel bid-differenza li issa ma kellha ndhil minn hadd. Pero' wara erba' xhur harget tqila u talbet lill-konvenut, kif kien weghda sabiex jitlaq mix-xoghol fil-Libja u jigi Malta, izda baqa' xorta jsiefer u r-responsabiltajiet kienu dejjem tal-attrici, inkluzi fid-

decizjonijiet ta' kuljum, b'mod li l-konvenut kien qatt ma jiehu decizjoni u jahrab milli jiehu wahda.

Illi *nonostante* dan l-attrici wara sena u nofs regghet harget tqila, skond hi kontra x-xewqa taghha, pero' ttamat li din id-darba l-konvenut jassumi r-responsabiltajiet tieghu u jzomm il-weghda tieghu u jibda jahdem Malta. Izda minn dan ma sar xejn u r-relazzjonijiet anke intimi ta' bejniethom baqghu jinqatghu sakemm gew fix-xejn, u l-konvenut jidher li baqa' ma ghamel xejn sabiex tigi rrimedjata din is-sitwazzjoni, anke ghaliex kien qallha li kienet komda ghalih, ghaliex bhal speci kien ikun il-boghod, u dan aktar u aktar meta z-zwieg wasal fil-final. L-attrici baqghet mal-konvenut sa' April 2000 u mbaghad sseparaw.

Illi dawn il-fatti huma kkorroborati mix-xhieda ta' Mary Carmen Mizzi, omm l-attrici fl-affidavit taghha tal-10 ta' Mejju 2002, u ta' Amanda Spiteri Mizzi, oht l-attrici fl-affidavit taghha tal-istess data. Infatti l-istess **Mary Carmen Mizzi** xehdet dwar l-insistenza taghha li l-istess attrici, wara li kienet hassret ir-relazzjoni li kellha mal-ewwel guvni baqghet tinsisti u tissikka lill-attrici sabiex tidhol id-dar f'certu hinijiet li hija thoss li kienu dicenti, u wkoll li l-istess attrici qatt ma tkellmet qabel iz-zwieg dwar ir-relazzjoni taghha mal-istess konvenut, izda li kienet mohhha li tizzewweg *"the sake of it".*

Illi minbarra dan l-istess omm l-attrici spjegat id-diffikultajiet li kien hemm fiz-zwieg peress li l-konvenut kien jahdem

barra u ghalkemm kien iwieghed li kien ser jigi jahdem Malta, u l-attrici kienet kontinwament tinsisti dwar dan, huwa baqa' xorta jahdem barra sal-gurnata ta' llum, b'dan li d-decizjonijiet kollha kienu jittiehdu mill-istess attrici, bla ebda partecipazzjoni ta' xejn mill-istess konvenut.

Illi oht l-attrici **Amanda Spiteri,** kkonfermat din id-dixxiplina li l-attrici u hija kienu jghixu tahtha meta kienu jabitaw id-dar tal-genituri taghhom; dwar ir-relazzjoni li kellha mal-konvenut jidher li l-attrici ma kienet ukoll titkellem xejn dwaru mal-familjari taghha hlief li kienet tilmenta li l-konvenut kien il-hin kollu msiefer, naturalment fuq xoghol. Meta giet iffissata d-data tat-tieg kienet titkellem fuq l-istess izda xejn fuq il-hajja mizzewga ghaliex dan kien ghaliha mezz sabiex skond ma kienet tghid l-attrici *'takkwista l-indipendenza taghha'.*

Illi l-istess xhud sinifikatament tghid li jumejn qabel iz-zwieg l-istess attrici kienet stqarret ma' ohta li hija kienet qed tibza' mhux mid-data tat-tieg, izda miz-zwieg, u kienet qed tibki kontinwament. Wara iz-zwieg il-konvenut baqa' jahdem il-Libja u hekk baqa' jaghmel *nonostante* li l-attrici kienet tinsisti li ghandu jahdem Malta. Il-konsegwenza ta' dan kienet li l-attrici nqatghet ghal kollox minn mal-konvenut u d-decizjonijiet tad-dar kienu kollha jittiehdu minnha, sakemm hija tidher li xebghet minn din is-sitwazzjoni. Illi fil-fatt iz-zwieg ma setghax ikompli hekk u huma sseparaw b'att pubbliku datat l-4 ta' April 2000.

Illi minn dan kollu jirrizulta li kemm l-attrici u kemm il-konvenut ma kienux preparati sew ghaz-zwieg li kienu dahlu fih, u dan jidher li sfortunatament qed tkun okkorrenza pjuttost mhux rari fid-dinja ta' llum, *nonostante* l-mezzi kollha li l-istess gharajjes ghandu llum ghad-dispozizzjoni taghhom inkluzi edukazzjoni, livell ta' hajja accettabbli u wkoll diversi korsijiet li jigu offruti lilhom bhala preparament ghall-hajja mizzewga, inkluzi minn diversi istituzzjonijiet kattolici.

Illi minkejja dan kollu jidher li aktar u aktar persuni qed jaghmlu dan il-pass minghajr ma jikkonsidraw almenu xi jfisser li wiehed jizzewweg u li jaghti lilu nnifsu jew lilha nfisha ghall-ohra jew l-iehor ghad-durata ta' hajjithom, u dan ma jistax jinthalaq jekk il-partijiet ma jkunux verament ihobbu lil xulxin u lesti li jissagrifikaw ruhhom ghal xulxin u ghal uliedhom, jekk l-istess zwieg jaghti dan il-frott ukoll.

Illi fil-kaz odjern dak li laqghet lil din il-Qorti huwa n-nuqqas totali ta' kull sentiment ta' parti lejn ohra, li ddetta kemm ir-relazzjoni tal-mizzewgin qabel iz-zwieg u kemm ir-relazzjoni taghhom wara z-zwieg, tant li jidher li almenu l-attrici dahlet f'dan iz-zwieg ghar-ragunijiet taghha minghajr ebda riferenza ghall-parti l-ohra, komponent iktar minn importanti ghal dan l-istitut serju u li jifforma n-nukleju baziku tas-socjeta' taghna.

Illi fil-fatt jidher li l-istess attrici jidher li giet influwenzata mid-decizjoni taghha li tizzewweg fuq affarijiet li kienu ghal

kollox estranei mill-istess kuncett taz-zwieg, u dawn kienu jikkonsistu fil-liberta' u ndipendenza li hija minghalija li kienet ser takkwista hekk kif tizzewweg, fis-sens li hija tkun indipendenti mill-genituri taghha ghal dak li jirreferi partikolarment ghall-hrug taghha mal-hbieb u l-istil ta' hajja taghha, u wkoll mill-fatt li peress li hija kienet gja hassret gherusija precendenti taghha ma' persuna ohra ftit qabel iz-zwieg ippjanat, hija hassitha bi tqila sabiex thassar ghat-tieni darba din ir-relazzjoni attwali, anke biex ma tinkwetax lill-genituri taghha, u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet hija dahlet f'din ir-relazzjoni ta' zwieg tal-konvenut.

Illi x-xhieda taghha fil-fatt hija nieqsa minn kull emozzjoni kwalunkwe lejn l-istess konvenut, wisq inqas ta' mhabba u desiderju ghall-hajja komunjali li z-zwieg huwa mibni fuqha, tant li kull parti zzewget ghar-ragunijiet taghha ndipendentement mill-effetti li dan seta' kellu fuq il-parti l-ohra.

Illi dan certament iwassal sabiex jigi konkluz minn din il-Qorti li l-attrici kellha l-kunsens taghha vizzjat kemm mill-elementi esenzjali taz-zwieg u kemm mid-drittijiet u obbligi naxxenti minnu, u fil-fatt is-safar tal-konvenut, ghalkemm kien problema ghaliha ghaliex kienet kostretta tiehu d-decizjonijiet kollha taghha hi, minghajr il-partecipazzjoni ta' zewgha, inkluz ghal dak li jirrigwarda l-ulied naxxenti mill-istess zwieg, xorta kien nifs liberatorju ghaliha kemm qabel iz-zwieg, fejn allura setghet tkompli l-hajja taghha normali (hlief ghal dak li hija hasset li kien indhil tal-genituri taghha

dwar il-hrug), u kemm wara z-zwieg, fil-mument li hija qatghet qiesha minn kull tip ta' relazzjoni u komunikazzjoni mal-istess konvenut.

Illi pero' dak li huwa rilevanti ghal din il-kawza huwa l-mument taz-zwieg, u f'dan il-mument jidher li l-kunsens tal-attrici kien sfukat u addirittura vizzjat ghaliex inghata biss ghar-ragunijiet li ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li tikkonsisti u jaghmel il-hajja mizzewga, u cjoe' li hija kienet intenzjonata li tghix il-hajja taghha, bla ndhil mill-genituri taghha, u bil-liberta' li anke x-xoghol tar-ragel barra minn Malta, kien joffrilha sabiex hija tkun tista' tkun mal-hbieb taghha.

Illi wkoll jinghad li l-konvenut ghall-attrici ma kien jipprezenta xejn hlief persuna li jkun jista' jwassalha ghal tali mezz ta' akkwist ta' liberta' kif minnha koncepita, u dan il-pass kien iktar accentwat mill-fatt, li wara li harget minn relazzjoni ohra precedenti ghal dik mal-konvenut, hija kienet litteralment inkapaci li tghid *'stop'* ghal din ir-relazzjoni qabel fil-fatt ma tizzewweg, u f'dan l-aspett hija sinifikanti l-bikja li l-istess attrici ghamlet ta' dwejjaq li kienet ser tizzewweg, kif rakkontata f'dan l-atti minn ohta, minghajr mal-istess attrici kellha l-kapacita' li tiehu decizjoni tajba, ghaliex kienet ossessjonata f'certu grad serju li jekk taghmel hekk hija kienet ser tkun qed taghmel hekk ghat-tieni darba u ma kenitx taf x'se tghid u lanqas tiffaccja lill-genituri taghha, ghalkemm dawn in verita' hallewha fil-liberta' taghha.

Illi hawn wiehed irid joqghod attent, ghaliex din il-Qorti ma hijiex qed titkellem sempliciment fuq xelta hazina li ghamlet l-attrici, imma dan kollu qed jinghad fl-isfond tal-kuncett ta' vizzju ta' kunsens, li ghalkemm ic-cirkostanzi tal-applikazzjoni tieghu naturalment jitbiddlu minn kaz ghal kaz, pero' n-necessita' tieghu li tigi ppruvata f'kull kaz taht l-artikoli tal-Ligi fuq citati, huwa baziku sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici, u dan il-vizzju ta' kunsens fil-kaz odjern jidher mill-fatt li fil-mument li l-istess attrici tat il-kunsens taghha l-kapacita' psikika taghha u l-istat mentali taghha kien ossessjonat, u jekk le, almenu dominat mid-desiderju taghha, li anke espremiet b'mod car fix-xhieda taghha, u ma ohta anke qabel iz-zwieg, anke ftit jiem qabel iz-zwieg, li hija riedet akkost ta' kollox takkwista bl-istess rabta mal-konvenut, l-indipendenza taghha sabiex tghix il-hajja kif riedet hi, u dan mhux fil-kuntest tar-relazzjoni taghha mal-konvenut, li ghaliha kien biss strument sabiex takkwista dak li kellha f'mohhha u mhux kompan futur ghal hajjitha.

Illi dan certament, flimkien ma' dak li hija kienet thoss li l-genituri taghha kienu jaghmlu, fis-sens li hassithom kontinwament jirrestringu l-hajja taghha, irrendew lill-istess attrici nkapaci mentalment kemm li taghti l-kunsens taghha regolarment u kif ukoll li tara sew u liberalment dak li kienet qed taghmel, u cjoe' li zwieg ma persuna li hija ma kellha ebda emozzjoni ta' mhabba lejh, qatt ma kellu jsir, u bil-biza' li tali affermazzjoni u relazzjoni qabel iz-zwieg mal-konvenut kienet naturalment ser taffetwa negattivament lill-

genituri taghha, hija xorta wahda dahlet ghal dan iz-zwieg, *nonostante* d-dubji kollha li hija kellha dwar il-konvenut.

Illi dan irrenda l-kunsens tal-attrici vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghha nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u f'dan is-sens wiehed qed jirreferi ghall-iskop taz-zwieg li tnejn min nies jaqsmu l-hajja taghhom flimkien f'komunjoni ta' mhabba, dedikata ghal xulxin, b'sens altruistiku ghall-parti l-ohra bis-sagrificcji li din timporta, u ghal uliedhom.  Dan bil-preparazzjoni tal-attrici qatt ma seta' jigi akkwistat, u ghalkemm hija tidher li ghamlet tentattiv serju sabiex dan iz-zwieg jirnexxi, d-difett inizjali fiha li hija dahlet ghal dan iz-zwieg bil-kunsens taghha vizzjat, bl-ebda legami emozzjonali mal-konvenut, fl-ahhar kellu l-effett tieghu, u ghalhekk l-istess zwieg inevitabilment sfaxxa, anke bis-separazzjoni bejn l-istess partijiet.

Illi l-istess jista' jinghad ghall-kunsens tal-konvenut, mhux tant mix-xhieda tieghu, ghaliex din hija kompletament mankanti f'dan il-process, anke ghaliex huwa baqa' kontumaci, izda peress li dan fih innifsu jindika li l-konvenut lanqas kien tant jimportah minn dan l-istat serju li huwa dahal fih, u dan huwa aktar u aktar rifless fil-komportament tieghu kemm qabel l-istess zwieg u kemm wara z-zwieg, tant li jidher u jirrizulta li x-xoghol tieghu barra minn Malta u allura li jkun nieqes mill-attrici ghan-nofs iz-zmien tas-sena,

kien wisq importanti ghalih, anke almenu biex jikkuntenta lill-attrici li jkun hdejha aktar spiss u jaqsam id-decizjoni li jkun bzonn jittiehdu dwar il-familja mal-attrici. Ghalkemm kien iwieghed li ser jaghmel dan, lanqas bit-twelid ta' wliedu ma irnexxielu jbiddel dan l-istil ta' hajja tieghu, u ghalkemm jidher li anke qabel iz-zwieg huwa wieghed lill-attrici li ser jibda' jahdem Malta, bi skuza jew ohra, inkluz dik konvenjenti ta' flus, huwa dejjem irnexxielu jevita li jaghmel dan, u f'dan il-kaz almenu jidher li mhux biss dahaq bl-attrici, izda wkoll li huwa qatt ma kellu ntenzjoni vera li jghix bhala *unit* wiehed ma' martu u jiehu d-decizjonijiet necessarji ghall-gid tal-konsistenza tal-familja tieghu, u mhux ghall-konvenjenza tieghu.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici,** b'dan li:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-konjugi Zammit li gie celebrat fl-10 ta' Gunju 1995 huwa null u bla ebda effett legali taht l-**Artikolu 19 (1) (d), u 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**27 ta' Gunju 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002.**